TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 31/11

**Connie Briffa**
**vs**
**Scholl Foothealth Centre**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' ħamsa u sittin ewro (€65) rappreżentanti prezz ta' żarbun illi wara ftit li bdiet tużah dan beda jweġġagħha.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat żarbun għall-prezz ta' ħamsa u sittin ewro (€65) mingħand id-ditta intimata u wara li bdiet tużah dan beda jweġġagħha u li għalhekk ma kienx tajjeb għaliha.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi ż-żarbun kien tajjeb u li r-rikorrenti ippruvatu qabel ma ħaditu u li ma kien hemm xejn ħażin fih.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u spezzjona ż-żarbun, jikkonkludi li per sè ż-żarbun m'għandu xejn ħażin.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti ippruvat iż-żarbun minn qabel ma xtratu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888